MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 153/2012

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Brian Azzopardi, (karta ta' l-identita` bin-numru 180178 (M))**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur guramentat datat il-15 ta' Frar, 2012, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament ippremettiet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti kkoncediet diversi facilitajiet bankarji kif elenkati fl-istess rikors promotur;

2. Illi konsegwenza tal-istess, l-intimat Azzopardi hu debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta'

mija u tnejn u tletin elf u tmienja u sittin Ewro u disghin centezmu, (€132,068.90), oltre l-imghaxijiet dovuti;

3. Illi l-intimat Azzopardi naqas milli jottempora ruhu mal-kondizzjonijiet minnu pattwiti u ghalhekk l-ammont fuq indikat hu issa minnu dovut lis-socjeta` rikorrenti;

4. Illi nonostante li debitament interpellat biex ihallas l-ammont komplessiv minnu dovut, l-intimat baqa' inadempjenti;

5. Illi konsegwntement giet intavolata l-procedura odjerna fejn din il-qorti ntalbet:

i. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u skritturi privati riferiti fir-rikors promotur;

ii. Tikkundanna lill-intimat Brian Azzopardi jhallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont minnu dovut ta' mija u tnejn u tletin elf u tmienja u sittin Ewro u disghin centezmu, (€132,068.90), bilanc minnu dovut;

iii. Bl-ispejjez u imghaxijiet kif ukoll elenkati fir-rikors promotur;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-intimat Azzopardi gie debitament notifikat bl-atti ta' din il-procedura u bl-avviz tas-smiegh, (ara fol 70);

Ikkonstatat li l-imsemmi ntimat ma ntavola l-ebda risposta u ghalhekk baqa' fi stat ta' kontumacja;

Semghet lill-istess intimat Brian Azzopardi li bil-gurament tieghu ammetta t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

Ghaldaqstant, in vista ta' tali libera ammissjoni inekwivoka m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tilqa' t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement:

1. Tiddikjara li effettivament sehhew wahda jew aktar mill-inadempjenzi msemmija fil-kuntratti u skritturi privati riferiti fir-rikors promotur guramentat;

2. Tiddikjara ghalhekk ukoll li l-intimat Brian Azzopardi hu debitur tas-socjeta` rikorrenti Bank of Valletta p.l.c. fl-ammont ta' mija u tnejn u tletin elf u tmienja u disghin Ewro u disghin centezmu, (€132,068.90);

3. Tikkundanna lill-imsemmi ntimat Azzopardi biex ihallas l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti de quo;

4. Bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet minnu dovuti skont il-ligi sal-effettiv pagament.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------